ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 125

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

15 ta' Mejju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/2007 tat-8 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 531/2007 ta' l-14 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 532/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1282/2006 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni u r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib u r–Regolament (KEE) Nru 3846/87 li jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għal rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni** ........ 7

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 ta' l-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur** ........ 9

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2007/332/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2007 dwar l-impożizzjoni ta' Obbligi ta' Servizz Pubbliku fuq ċerti rotot minn Sardenja u lejha skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tal-Kunsill dwar l-aċċess tat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1712)* ........ 16

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

2007/333/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2007 li tippermetti l-Istati Membri li jestendu awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanzi attivi ġodda benalaxyl-M, fluoxastrobin, prothioconazole, spirodiclofen, spiromesifen u sulfuryl fluoride** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1929)* [1] ..... 27

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/334/PESK ta' l-14 ta' Mejju 2007 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u f'oqsma oħra possibbli fil-Kosovo** ..... 29

**Corrigendum**

★ **Corrigendum għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/319/KE tat-8 ta' Settembru 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat C.45/04 (ex NN 62/04) favur il-produttur ta' l-azzar Ċek Třinecké železárny a.s. (ĠU L 119 tad-9 ta' Mejju 2007)** ..... 31

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 530/2007

**tat-8 ta' Mejju 2007**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 [1] jipprevedi aċċess illimitat bla dazju fis-suq Komunitarju għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw fil-pajjiżi u t-territorji li jibbenefikaw mill-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006. Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, ġie konkluż Ftehim Interim li jkopri l-kummerċ u dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra [2], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2006.

(3) Il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet Interim jistabbilixxu reġim kummerċjali kuntrattwali bejn il-Komunità u kull wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji. Il-konċessjonjiet kummerċjali bilaterali fuq in-naħa tal-Komunità huma ekwivalenti għall-konċessjonijiet applikabbli fi ħdan il-miżuri awtonomi unilaterali skond ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000.

(4) Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 biex iqis dawn l-iżviluppi. B'mod partikolari, huwa xieraq li r-Repubblika ta' l-Albanija titneħħa mil-lista ta' benefiċjarji tal-konċessjonijiet tariffarji mogħtija għall-istess prodotti skond ir-reġim kuntrattwali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġu aġġustati l-volumi tal-kwota tariffarja globali għal prodotti speċifiċi li ngħataw kwoti tariffarji skond ir-reġimi kuntrattwali.

(5) Ir-Repubblika ta' l-Albanija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubbika ex-Jugoslava tal-Maċedonja għandhom jibqgħu benefiċjarji tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 safejn dak ir-Regolament jistipula għal konċessjonijiet li jkunu aktar favorevoli mill-konċessjonijiet eżistenti taħt ir-reġimi kuntrattwali,

[1] ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1946/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 1).

[2] ĠU L 239, 1.9.2006, p. 2.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 huwa permezz ta' dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Arranġamenti preferenzjali**

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, prodotti li joriġinaw fil-Bożnja-Ħerzegovina, fil-Montenegro jew fit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, ħlief dawk ta' l-intestaturi Nri 0102, 0201, 0202, 1604, 1701, 1702 u 2204 tan-Nomenklatura Magħquda, għandhom jiġu ammessi għal importazzjoni fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet jew miżuri kwantitattivi b'effett ekwivalenti u b'eċċezzjoni mid-dazji doganali u imposti b'effett ekwivalenti.

2. Prodotti li joriġinaw mill-Albanija, fir-Repubblika tal-Kroazja jew fir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja għandhom ikomplu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fejn hemm indikat jew minn kwalunkwe miżuri stipulati f'dan ir-Regolament li jkunu aktar favorevoli mill-konċessjonijiet kummerċjali stipulati fil-qafas tal-ftehimiet bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u dawn il-pajjiżi.

3. Importazzjonijiet ta' prodotti taz-zokkor taħt l-intestaturi Nri 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda li joriġinaw mill-Bożnja-Ħerzegovina, mill-Montenegro jew mit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo għandhom jibbenefikaw minn konċessjonijiet stipulati fl-Artikolu 4. "

(2) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Importazzjonijiet ta' prodotti taz-zokkor taħt l-intestaturi Nri 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda li joriġinaw fil-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro u t-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, għandhom ikunu suġġetti għall-kwoti tariffarji annwali bla dazju li ġejjin:

(a) 12 000 tunnellata (toqol nett) għal prodotti taz-zokkor li joriġina w mill-Bożnja-Ħerzegovina;

(b) 180 000 tunnellata (toqol nett) għal prodotti taz-zokkor li joriġina w mill-Montenegro u t-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo."

(3) L-Anness I huwa mibdul bit-test ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Merkanzija li, fis-16 ta' Mejju 2007, tkun jew fi transitu jew fil-Komunità f'ħażna temporanja, fl-imħażen tad-dwana jew f'żoni liberi, u li għaliha qabel dik id-data prova ta' oriġini Albaniża jew oriġini minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tkun inħarġet kif suppost skond it-Titolu IV, Kapitolu 2, Taqsima 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Kommunità [1], għandha tkompli tibbenefika mir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 sal-16 ta' Settembru 2007.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. STEINBRÜCK

---

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

*ANNESS*

*“ANNESS I*

**LI JIKKONĊERNA L-KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(1)**

Minkejja r-regoli ta’ l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li m’għandhomx aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tkun iddeterminata, fil-kuntest ta’ dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM. Fejn huma indikati l-kodiċi NM ta’ qabel, l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

| Nru ta’ l-Ordni | Kodiċi NM | Nru ta’ l-Ordni | Volum tal-kwota fis-sena [1] | Il-Benefiċjarji | Rata ta’ dazju |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1571 | 0301 91 10<br>0301 91 90<br>0302 11 10<br>0302 11 20<br>0302 11 80<br>0303 21 10<br>0303 21 20<br>0303 21 80<br>0304 19 15<br>0304 19 17<br>ex 0304 19 19<br>ex 0304 19 91<br>0304 29 15<br>0304 29 17<br>ex 0304 29 19<br>ex 0304 99 21<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>0305 49 45<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Trot (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u gerbub ta’ ħut, tajbin għal konsum uman | 70 tunnellata | Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |
| 09.1573 | 0301 93 00<br>0302 69 11<br>0303 79 11<br>ex 0304 19 19<br>ex 0304 19 91<br>ex 0304 29 19<br>ex 0304 99 21<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>ex 0305 49 80<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u gerbub ta’ ħut, tajbin għal konsum uman | 120 tunnellata | Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |
| 09.1575 | ex 0301 99 80<br>0302 69 61<br>0303 79 71<br>ex 0304 19 39<br>ex 0304 19 99<br>ex 0304 29 99<br>ex 0304 99 99<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>ex 0305 49 80<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Denċi (*Dentex dentex* u *Pagellus* spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u gerbub ta’ ħut, tajbin għal konsum uman | 95 tunnellata | Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |

| Nru ta' l-Ordni | Kodiċi NM | Nru ta' l-Ordni | Volum tal-kwota fis-sena (1) | Il-Benefiċjarji | Rata ta' dazju |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1577 | ex 0301 99 80<br>0302 69 94<br>ex 0303 77 00<br>ex 0304 19 39<br>ex 0304 19 99<br>ex 0304 29 99<br>ex 0304 99 99<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>ex 0305 49 80<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Spnott (*Dicentrarchus labrax*): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef; immellaħ jew fis-salmura, affumikat; qatgħat u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman | 80 tunnellata | Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |
| 09.1579 | 1604 13 11<br>1604 13 19<br>ex 1604 20 50 | Sardin preparat jew priservat | 70 tunnellata | Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | 6 % |
| 09.1561 | 1604 16 00<br>1604 20 40 | Inċova preparata jew priservata | 260 tunnellata | Il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | 12,5 % |
| 09.1515 | 2204 21 79<br>ex 2204 21 80<br>2204 21 84<br>ex 2204 21 85<br>2204 29 65<br>ex 2204 29 75<br>2204 29 83<br>ex 2204 29 84 | Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika attwali bil-massa ta' mhux aktar minn 15 % mas, ħlief inbid effervexxenti | 145 000 hl (2) | L-Albanija (3), il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Kroazja (4), (dik li gabel kienet) ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (5), il-Montenegro, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |

(1) Volum globali wieħed għal kull kwota tariffarja aċċessibbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji.

(2) Il-volum ta' din il-kwota tariffarja globali għandha titnaqqas jekk il-volumi tal-kwota tal-kwoti tariffarji individwali applikabbli taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1588 u 09.1548 għal ċerti nbejjed li joriġinaw fil-Kroazja jiżdiedu.

(3) Aċċess għall-inbid li joriġina fir-Repubblika ta' l-Albanija għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż ma' l-Albanija. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1512 u 09.1513.

(4) Aċċess għall-inbid li joriġina mir-Repubblika tal-Kroazja għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Kroazja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1588 u 09.1589.

(5) Aċċess għall-inbid li joriġina mir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mar-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta' l-ordni 09.1558 u 09.1559. ".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 531/2007

## ta' l-14 ta' Mejju 2007

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 38,7 |
| | TN | 110,8 |
| | TR | 92,6 |
| | ZZ | 80,7 |
| 0707 00 05 | JO | 171,8 |
| | MK | 35,1 |
| | TR | 123,0 |
| | ZZ | 110,0 |
| 0709 90 70 | TR | 107,8 |
| | ZZ | 107,8 |
| 0805 10 20 | EG | 43,1 |
| | IL | 62,1 |
| | MA | 45,9 |
| | ZZ | 50,4 |
| 0805 50 10 | AR | 51,4 |
| | ZZ | 51,4 |
| 0808 10 80 | AR | 84,4 |
| | BR | 80,4 |
| | CL | 80,0 |
| | CN | 87,8 |
| | NZ | 122,0 |
| | US | 127,9 |
| | UY | 58,0 |
| | ZA | 88,9 |
| | ZZ | 91,2 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 532/2007

## tal-14 ta' Mejju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1282/2006 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni u r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib u r–Regolament (KEE) Nru 3846/87 li jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għal rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib ([1]), u partikolarment l-Artikolu 31(14) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex ma jinqabżux il-kwantitajiet massimi li għandhom jiġu esportati b'rifużjoni ta' l-esportazzjoni stabbilita bil-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluż matul il-Laqgħa tan-Negozjati Multilaterali tal-Kummerċ li saret fl-Urugwaj ([2]), it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 ([3]) jipprevedi li l-ebda rifużjoni m'għandha tingħata fuq il-komponent taz-zokkor fil-prodotti tal-ħalib li fihom iz-zokkor miżjud magħhom meta r-rifużjoni fuq il-parti tal-ħalib f'dawk il-prodotti hija xejn (żero) jew mhix fissa. Fejn kien hemm riskju ġenwin li dawk il-kwantitajiet massimi jistgħu jinqabżu fiż-żmien ta' l-introduzzjoni tad-dispożizzjoni, tali riskju m'għadux jeżisti.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 61/2007 tal-25 ta' Jannar 2007 li jiffissa r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib ([4]) neħħa rifużjonijiet fuq it-trab tal-ħalib sħiħ u fuq il-ħalib ikkondensat, b'hekk wassal għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006. It-tneħħija tar-rifużjonijiet kemm għall-komponenti tal-ħalib kif ukoll għal dawk taz-zokkor tista' tirriżulta f'telf ta' ishma tas-suq sostanzjali għall-prodotti tal-ħalib li fihom zokkor miżjud. Għalhekk ikun xieraq li r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjonijiet jerġgħu jiġu introdotti għall-komponent taz-zokkor tal-prodotti tal-ħalib li fihom zokkor miżjud.

(3) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 jipprevedi għall-esportazzjoni ta' ġobon lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond il-kwoti msemmija fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament, li fit-taqsima 16 tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandu jidher il-kodiċi tal-prodott ta' tmien ċifri tan-Nomenklatura Magħquda. L-esperjenza wriet li wara li jinħarġu l-liċenzji ta' l-esportazzjoni, l-impurtaturi ta' l-Istati Uniti jistgħu jitolbu l-provvista ta' tip ieħor ta' ġobon ta' l-istess grupp ta' prodotti. Sabiex tali flessibbiltà tkun possibbli, huwa xieraq li l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 jiġi aġġustat skond dan.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 522/2006 tat-30 ta' Marzu 2006 li jiffissa r-rifużjonijiet għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib ([5]) jipprevedi li mill-31 ta' Marzu 2006 r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jiġu stabbiliti f'euro kull 100 kg. Il-kliem ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 u s-Settur 9 ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 ([6]) għandu jiġi aġġustat skond dan.

(5) Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3846/87 u (KE) Nru 1282/2006 għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1282/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-komponent imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandu jiġi kkalkulat billi l-ammont fiss tar-rifużjoni jiġi mmultiplikat bil-perċentwal ta' kontenut ta' prodott tal-ħalib fil-prodott sħiħ.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu hu mħassar.

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([2]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.
([3]) ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1919/2006 (ĠU L 380, 28.12.2006, p. 1)
([4]) ĠU L 19, 26.1.2007, p. 8.
([5]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 45.
([6]) ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1854/2006 (ĠU L 361, 19.12.2006, p. 1).

(2) Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24(1), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Madankollu l-liċenzji huma validi wkoll għal kwalunkwe kodiċi ieħor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0406."

*Artikolu 2*

Fis-Settur 9 ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 3846/87, l-ewwel sentenza tal-punti a) tan-noti (4) u (14) f'qiegħ il-paġna jinbidlu b'dan li ġej:

"l-ammont għal kull 100 kg li jidher, immultiplikat bil-perċentwal tal-kontenut lattiku fil-100 kg tal-prodott."

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Punt 2 ta' l-Artikolu 1 għandu japplika għal-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa għas-sena tal-kwoti 2007 u ta' wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 533/2007**

**ta' l-14 ta' Mejju 2007**

**li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO), il-Komunità impenjat ruħha li tistabbilixxi kwoti tariffarji għal ċerti prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur. Għaldaqstant, jinħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawn il-kwoti.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji ta' l-importazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([3]) għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx hemm inkonsistenzi ma' dan ir-Regolament.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fis-settur tal-laħam tat-tjur u ta' l-albumina (abjad tal-bajd) ([4]) ġie emendat sostanzjalment bosta drabi, u jinħtieġu emendi ġodda. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1251/96 għandu jiġi rrevokat u sostitwit b'Regolament ġdid.

(4) Sabiex l-importazzjonijiet iżommu pass regolari, jeħtieġ li jinqasam il-perjodu tal-kwota mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena suċċessiva f'bosta subperjodi. Fi kwalunkwe każ, ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jillimita l-perjodu ta' validità tal-liċenzji għall-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

(5) Huwa f'loku li l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tkun żgurata permezz ta' liċenzji ta' l-importazzjoni. Għal dan il-għan, huwa importanti li jiġu definiti r-regoli dettaljati għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u d-dettalji li għandhom jintwerew fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzji stess.

(6) Fid-dawl tar-riskju ta' spekulazzjoni inerenti fis-sistema kkonċernata fis-settur tal-laħam tat-tjur, għandhom ikunu stabbiliti kundizzjonijiet preċiżi rigward l-aċċess ta' l-operaturi għas-sistema tal-kwota tariffarja.

(7) Bil-għan li tiġi garantita amministrazzjoni xierqa tal-kwoti tariffarji, jeħtieġ li l-ammont tal-garanzija marbuta mal-liċenzji ta' l-importazzjoni jiġi stabbilit għal EUR 20 għal kull 100 kilogramma.

(8) Fl-interess ta' l-operaturi, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kwantitajiet li għalihom ma tressqet l-ebda applikazzjoni, li se jiżdiedu mas-subperjodu tal-kwota suċċessiv skond l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam tat-tjur u l-bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwoti tariffarji fl-Anness I huma miftuħin għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM fl-Anness I.

Il-kwoti tariffarji huma miftuħin fuq bażi annwali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena suċċessiva.

2. Il-kwantità ta' prodotti li jgawdu mill-kwoti msemmija fil-paragrafu 1, ir-rata tad-dazju doganali applikabbli, in-numri tas-serje kif ukoll in-numri tal-grupp korrispondenti huma definiti fl-Anness I.

([1]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 341/2007 (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12).
([3]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).
([4]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 136. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1179/2006 (ĠU L 212, 2.8.2006, p. 7).

*Artikolu 2*

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx hemm inkonsistenzi ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Għal kull numru tas-sejre, il-kwantità stabbilita għall-perjodu tal-kwota annwali tinqasam f'erba' subperjodi, kif ġej:

a) 25 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

b) 25 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru,

c) 25 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

d) 25 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

*Artikolu 4*

1. Għal finijiet ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikant għal liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jressaq, flimkien ma' l-ewwel applikazzjoni għall-perjodu tal-kwota tariffarja partikolari, prova li importa jew esporta, matul kull wieħed miż-żewġ perjodi msemmija fl-imsemmi Artikolu 5, talanqas 50 tunnellata ta' prodotti koperti mir-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

2. L-applikazzjoni għal liċenzja għandha ssemmi biss numru wieħed tas-serje minn dawk definiti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Tista' ssir għal bosta prodotti li jaqgħu taħt kodiċijiet NM differenti. F'dan il-każ, il-kodiċijiet kollha tan-NM u d-deskrizzjonijiet tagħhom għandhom jiġu indikati fil-kaxex 16 u 15, rispettivament, ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzji u tal-liċenzji stess.

L-applikazzjoni għal liċenzja għandha tkopri minimu ta' 10 tunnellati u massimu ta' 10 % tal-kwantità disponibbli għall-kwota kkonċernata matul is-subperjodu kkonċernat.

3. L-applikazzjoni għal liċenzji u l-liċenzji stess għandu jkun fihom:

a) fil-kaxxa 8, indikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini;

b) fil-kaxxa 20, waħda mill-indikazzjonijiet imniżżla fl-Anness II, parti A.

Fil-kaxxa 24, il-liċenzja għandu jkun fiha waħda mill-indikazzjonijiet imniżżla fl-Anness II, parti B.

*Artikolu 5*

1. L-applikazzjonijiet għal liċenzji jistgħu jitressqu biss matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar li jiġu qabel kull subperjodu msemmi fl-Artikolu 3.

2. Garanzija ta' EUR 20 għal kull 100 kilogramma għandha tkun depożitata flimkien ma' l-applikazzjoni għal liċenzja.

3. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, kull applikant jista' jressaq diversi applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni għal prodotti li jaqgħu taħt numru ta' serje wieħed, jekk il-prodotti jkunu joriġinaw minn pajjiżi differenti. L-applikazzjonijiet separati għal kull pajjiż ta' l-oriġini għandhom jitressqu fl-istess ħin lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru. F'dak li jirrigwarda l-massimu msemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament, għandhom jitqiesu bħala applikazzjoni waħda.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-ħames jum wara dak ta' tmiem il-perjodu tat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, il-kwantitajiet totali mitluba għal kull grupp, espressi f'kilogrammi.

5. Il-liċenzji jinħarġu mis-seba' jum ta' xogħol u sa mhux aktar tard mill-ħdax-il jum ta' xogħol wara dak ta' tmiem il-perjodu ta' notifika previst mill-paragrafu 4.

6. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kwantitajiet li għalihom ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li jiżdiedu awtomatikament mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwota suċċessiv.

*Artikolu 6*

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza ta' l-ewwel xahar ta' kull subperjodu tal-kwota, il-kwantitajiet totali espressi f'kilogrammi li għalihom inħarġu l-liċenzji msemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament imsemmi.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel l-iskadenza tar-raba' xahar wara kull perjodu tal-kwota annwali, il-kwantitajiet effettivament imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa skond dan ir-Regolament matul il-perjodu kkonċernat għal kull numru tas-serje, espressi f'kilogrammi.

3. B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet koperti minn liċenzji ta' l-importazzjoni mhux użati jew parzjalment użati, l-ewwel darba flimkien ma' l-applikazzjoni għall-aħħar subperjodu, u darb'oħra qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali.

*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-liċenzji ta' l-importazzjoni huma validi għal mija u ħamsin jum mill-ewwel jum tas-subperjodu li għalih inħarġu.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, it-trasferiment ta' drittijiet li ġejjin mil-liċenzji huwa limitat għaċ-ċessjonarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibilità stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

Ir-Regolament (KE) Nru 1251/96 huwa rrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 9*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

| Nru tal-grupp | Numru tas-serje | Il-Kodiċi NM | Dazju applikabbli | Kwantitajiet annwali (f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|
| P 1 | 09.4067 | 0207 11 10<br>0207 11 30<br>0207 11 90<br>0207 12 10<br>0207 12 90 | 131<br>149<br>162<br>149<br>162 | 6 249 |
| P 2 | 09.4068 | 0207 13 10<br>0207 13 20<br>0207 13 30<br>0207 13 40<br>0207 13 50<br>0207 13 60<br>0207 13 70<br>0207 14 20<br>0207 14 30<br>0207 14 40<br>0207 14 60 | 512<br>179<br>134<br>93<br>301<br>231<br>504<br>179<br>134<br>93<br>231 | 8 070 |
| P 3 | 09.4069 | 0207 14 10 | 795 | 2 305 |
| P 4 | 09.4070 | 0207 24 10<br>0207 24 90<br>0207 25 10<br>0207 25 90<br>0207 26 10<br>0207 26 20<br>0207 26 30<br>0207 26 40<br>0207 26 50<br>0207 26 60<br>0207 26 70<br>0207 26 80<br>0207 27 30<br>0207 27 40<br>0207 27 50<br>0207 27 60<br>0207 27 70 | 170<br>186<br>170<br>186<br>425<br>205<br>134<br>93<br>339<br>127<br>230<br>415<br>134<br>93<br>339<br>127<br>230 | 1 201 |

*ANNESS II*

A – **Indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3), l-ewwel subparagrafu, punt (b):**

| | |
|---|---|
| *bil-Bulgaru:* | Регламент (ЕО) № 533/2007. |
| *bl-Ispanjol:* | Reglamento (CE) nº 533/2007. |
| *biċ-Ċek:* | Nařízení (ES) č. 533/2007. |
| *bid-Daniż:* | Forordning (EF) nr. 533/2007. |
| *bil-Ġermaniż:* | Verordnung (EG) Nr. 533/2007. |
| *bl-Estonjan:* | Määrus (EÜ) nr 533/2007. |
| *bil-Grieg:* | Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 533/2007. |
| *bl-Ingliż:* | Regulation (EC) No 533/2007. |
| *bil-Franċiż:* | Règlement (CE) nº 533/2007. |
| *bit-Taljan:* | Regolamento (CE) n. 533/2007. |
| *bil-Latvjan:* | Regula (EK) Nr. 533/2007. |
| *bil-Litwan:* | Reglamentas (EB) Nr. 533/2007. |
| *bl-Ungeriż:* | 533/2007/EK rendelet. |
| *bil-Malti:* | Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007. |
| *bl-Olandiż:* | Verordening (EG) nr. 533/2007. |
| *bil-Pollakk:* | Rozporządzenie (WE) nr 533/2007. |
| *bil-Portugiż:* | Regulamento (CE) n.º 533/2007. |
| *bir-Rumen:* | Regulamentul (CE) nr. 533/2007. |
| *bis-Slovakk:* | Nariadenie (ES) č. 533/2007. |
| *bis-Sloven:* | Uredba (ES) št. 533/2007. |
| *bil-Finlandiż:* | Asetus (EY) N:o 533/2007. |
| *bl-Iżvediż:* | Förordning (EG) nr 533/2007. |

B – **Indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3), it-tieni subparagrafu:**

| | |
|---|---|
| *bil-Bulgaru:* | намаляване на общата митническа тарифа съгласно предвиденото в Регламент (ЕО) № 533/2007. |
| *bl-Ispanjol:* | reducción del arancel aduanero común prevista en el Reglamento (CE) nº 533/2007. |
| *biċ-Ċek:* | snížení společné celní sazby tak, jak je stanoveno v nařízení (ES) č. 533/2007. |
| *bid-Daniż:* | toldnedsættelse som fastsat i forordning (EF) nr. 533/2007. |
| *bil-Ġermaniż:* | Ermäßigung des Zollsatzes nach dem GZT gemäß Verordnung (EG) Nr. 533/2007. |
| *bl-Estonjan:* | ühise tollitariifistiku maksumäära alandamine vastavalt määrusele (EÜ) nr 533/2007. |
| *bil-Grieg:* | Μείωση του δασμού του κοινού δασμολογίου, όπως προβλέπεται στον κανονισμό (ΕΚ) αριθ. 533/2007. |
| *bl-Ingliż:* | reduction of the Common Customs Tariff pursuant to Regulation (EC) No 533/2007. |

| | |
|---|---|
| *bil-Franċiż:* | réduction du tarif douanier commun comme prévu au règlement (CE) n° 533/2007. |
| *bit-Taljan:* | riduzione del dazio della tariffa doganale comune a norma del regolamento (CE) n. 533/2007. |
| *bil-Latvjan:* | Regulā (EK) Nr. 533/2007 paredzētais vienotā muitas tarifa samazinājums. |
| *bil-Litwan:* | bendrojo muito tarifo muito sumažinimai, nustatyti Reglamente (EB) Nr. 533/2007. |
| *bl-Ungeriż:* | a közös vámtarifában szereplő vámtétel csökkentése a 533/2007/EK rendelet szerint. |
| *bil-Malti:* | tnaqqis tat-tariffa doganali komuni kif jipprovdi r-Regolament (KE) Nru 533/2007. |
| *bl-Olandiż:* | Verlaging van het gemeenschappelijke douanetarief overeenkomstig Verordening (EG) nr. 533/2007. |
| *bil-Pollakk:* | Cła WTC obniżone jak przewidziano w rozporządzeniu (WE) nr 533/2007. |
| *bil-Portugiż:* | redução da Pauta Aduaneira Comum como previsto no Regulamento (CE) n.º 533/2007. |
| *bir-Rumen:* | reducerea Tarifului Vamal Comun astfel cum este prevăzut în Regulamentul (CE) nr. 533/2007. |
| *bis-Slovakk:* | Zníženie spoločnej colnej sadzby, ako sa ustanovuje v nariadení (ES) č. 533/2007. |
| *bis-Sloven:* | znižanje skupne carinske tarife v skladu z Uredbo (ES) št. 533/2007. |
| *bil-Finlandiż:* | Asetuksessa (EY) N:o 533/2007 säädetty yhteisen tullitariffin alennus. |
| *bl-Iżvediż:* | nedsättning av dEn gemensamma tulltaxan i enlighet med förordning (EG) nr 533/2007. |

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 1251/96 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 3 |
| Artikolu 3 | — |
| Artikolu 4(1)(a) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(1)(b) | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 4(1)(c) | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 4(1)(d) | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 4(1)(e) | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 5(1) |
| Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 5(2) | — |
| Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 5(2) |
| Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 5(4) |
| Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 5(5) | — |
| Artikolu 5(6) | — |
| Artikolu 5(7) | — |
| Artikolu 5(8), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 5(8), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 6, l-ewwel subparagrafu | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 6, it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 7 | — |
| Artikolu 8 | Artikolu 9 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | — |
| Anness III | — |
| Anness IV | — |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-23 ta' April 2007**

**dwar l-impożizzjoni ta' Obbligi ta' Servizz Pubbliku fuq ċerti rotot minn Sardenja u lejha skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tal-Kunsill dwar l-aċċess tat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1712)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

(2007/332/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1992 [1] , u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

### I. IL-FATTI

(1) Fis-27 ta' Jannar u fit-28 ta' Frar 2006, ir-Repubblika Taljana bagħtet lill-Kummissjoni d-Digrieti Nri 35 u 36 tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura u tat-Trasport tad-29 ta' Diċembru 2005 (ippubblikati fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* fil-11 ta' Jannar 2006) ("id-Digrieti Nri 35 u 36") li pprovdew dwar Obbligi ta' Servizz Pubbliku ("l-OSP") fuq total ta' 16-il rotta li jgħaqqdu t-tliet ajruporti ta' Sardenja ma' diversi ajruporti nazzjonali fil-peniżola Taljana. L-Italja talbet li l-Kummissjoni tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* , f'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tal-Kunsill dwar l-aċċess tat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji ("ir-Regolament").

(2) Fil-korrispondenza tagħha tat-28 ta' Frar 2006, ir-Repubblika Taljana ppreċiżat li:

— id-Digriet Nru 36 kien ġie emendat bid-Digriet tat-8 ta' Frar 2006, dwar il-frekwenzi, il-ħinijiet u l-kapaċitajiet tar-rotta Cagliari-Turin;

— kienet qed titlob ukoll li, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* C, jiġi ppubblikat avviż li jindika li, f'konformità ma' l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti u mingħajr talba ta' kumpens finanzjarju, kien previst li jekk fi żmien tletin jum wara l-pubblikazzjoni ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku l-ebda trasportatur bl-ajru ma jkun aċċetta li jibda servizzi ta' l-ajru bi skeda fuq kull waħda mir-rotot li dwarhom jipprovdi d-Digriet Nru 36, fil-kuntest tal-proċedura pprovduta fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92, l-Italja tkun tista' tillimita l-aċċess għal kull waħda minn dawn ir-rotot għal trasportatur wieħed, u permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti, tagħti d-dritt ta' l-operat ta' dawn is-servizzi f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet ta' l-istess Regolament.

(3) Fl-24 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* komunikazzjoni dwar l-OSP previsti mid-Digriet Nru 35 [2] dwar is-6 rotot li ġejjin:

— Alghero-Ruma u Ruma-Alghero

— Alghero-Milan u Milan-Alghero

— Cagliari-Ruma u Ruma-Cagliari

[1] ĠU L 240, 24.08.1992, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU C 72, 24.3.2006, p. 4.

— Cagliari-Milan u Milan-Cagliari

— Olbia-Ruma u Ruma-Olbia

— Olbia-Milan u Milan-Olbia

(4) Fil-21 ta' April 2006, il-Kummissjoni ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* komunikazzjoni dwar l-OSP imposti bid-Digriet Nru 36 [1] dwar l-10 rotot li ġejjin:

— Alghero-Bologna u Bologna-Alghero

— Alghero-Turin u Turin-Alghero

— Cagliari-Bologna u Bologna-Cagliari

— Cagliari-Firenze u Firenze-Cagliari

— Cagliari-Turin u Turin-Cagliari

— Cagliari-Verona u Verona-Cagliari

— Cagliari-Napli u Napli-Cagliari

— Cagliari-Palermo u Palermo-Cagliari

— Olbia-Bologna u Bologna-Olbia

— Olbia-Verona u Verona-Olbia

(5) Fit-22 ta' April 2006, il-Kummissjoni ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* avviż dwar is-sejħa għall-offerti li għamlet l-Italja fil-kuntest ta' l-OSP imposti bid-Digriet Nru 36 [2]. Dan l-avviż ħabbar li, għal kull waħda mill-10 rotot milquta mid-Digriet, ir-Repubblika Taljana tipprevedi li tirrikorri għall-proċedura prevista fl-Artikolu 4.1(d) tar-Regolament fil-każ li l-ebda trasportatur ta' l-ajru ma jonora l-OSP fuq dawn ir-rotot.

(6) Dawn li ġejjin huma l-karatteristiċi ewlenin ta' l-OSP ppubblikati fl-24 ta' Marzu u l-21 ta' April 2006:

— Il-pari ta' rotot Alghero/Ruma u Alghero/Milan, minn naħa, u Olbia/Ruma u Olbia/Milan, min-naħa l-oħra, kull wieħed jikkostitwixxi entità sħiħa u mhux diviżibbli, li t-trasportaturi interessati għandhom jilqgħuha fil-globalità tagħha, bla ebda kumpens, tkun xi tkun in-natura jew l-oriġini tagħha. Min-naħa l-oħra, ir-rotot Cagliari/Ruma u Cagliari/Milan jeħtiġilhom jintlaqgħu individwalment u bis-sħiħ mit-trasportaturi interessati, bla ebda kumpens, tkun xi tkun in-natura jew l-oriġini tagħha.

— Kull waħda mill-għaxar rotot li jissemmew fl-avviż tal-21 ta' April 2006, u l-OSP li hemm imposti fuqhom, jeħtiġilhom jintlaqgħu individwalment u bis-sħiħ mit-trasportaturi interessati.

— It-trasportatur li jilqa' dawn l-obbligi jeħtieġlu jiżgura s-servizz għal perjodu ta' 36 xahar konsekuttiv, u ma jistax jinterrompih ħlief wara li jkun ħareġ notifika bil-quddiem b'talanqas sitt xhur lill-*Ente Nazionale dell'Aviazione Civile* ("ENAC") u lir-reġjun awtonomu ta' Sardenja.

— It-trasportatur (jew it-trasportatur ewlieni) li jilqa' dawn l-obbligi jeħtieġlu jħallas garanzija tat-twettiq ta' l-operat maħsuba biex tiggarantixxi t-twettiq tajjeb u l-kontinwità tas-servizz, li l-ammont tagħha jeħtieġlu jkun talanqas daqs 5% tal-fatturat totali tas-servizzi ta' l-ajru skedati fuq ir-rotot kollha kkonċernati, evalwat mill-ENAC. Il-garanzija għandha titħallas lill-ENAC, li tużaha biex tiggarantixxi l-kontinwità tas-servizzi fil-każ li jseħħ qtugħ mhux ġustifikat, u għandha tkun magħmula ndaqs minn garanzija bankarja "ta' talba prijoritarja" u garanzija ta' l-assigurazzjoni.

— Sabiex tiġi evitata l-kapaċità żejda li tkun tista' ġġib magħha l-aċċettazzjoni ta' l-istess rotta minn diversi trasportaturi, minħabba l-limitazzjonijiet u l-limiti ta' l-ajruporti kkonċernati fuq il-livell ta' l-infrastrutturi, wara konsultazzjoni mar-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja, fl-interess pubbliku l-ENAC tqabbdet tadatta għall-miri ta' mobbiltà msemmija fl-obbligi l-programmi operattivi tat-trasportaturi li jilqgħu l-OSP. Dan l-intervent għandu jimmira li jilħaq tqassim ekwu tar-rotot u tal-frekwenzi bejn it-trasportaturi li jilqgħu l-obbligi ta' servizz pubbliku, skond il-volum tat-traffiku fuq ir-rotot (jew ġabriet ta' rotot) ikkonċernati matul is-sentejn ta' qabel għal kull trasportatur.

— Il-frekwenzi minimi, l-iskeda u l-kapaċitajiet li għandhom jingħataw għal kull rotta huma deskritti fil-punt 2 tal-komunikazzjonijiet ta' l-24 ta' Marzu u tal-21 ta' April 2006 "DETTALJI TA' L-OBBLIGI TA' SERVIZZ PUBBLIKU" .

— Il-kapaċitajiet minimi ta' l-inġenji ta' l-ajru utilizzati huma deskritti fil-punt 3 tal-komunikazzjonijiet "IT-TIP TA' INĠENJI TA' L-AJRU UTILIZZATI F'KULL ROTTA".

— L-istruttura tariffarja għal kwalunkwe rotta kkonċernata hija deskritta fil-punt 4 tal-komunikazzjonijiet "IT-TARIFFI". F'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' tariffi mraħħsa, il-punt 4.8 taż-żewġ komunikazzjonijiet jippreċiża li t-trasportaturi li joperaw fuq ir-rotot ikkonċernati għandhom l-obbligu fil-liġi li japplikaw it-tariffi mraħħsa (hekk kif ippreċiżati fil-punt 4 "IT-TARIFFI") talanqas għal kull min twieled f'Sardenja, anki jekk mhux residenti hemmhekk.

(1) ĠU C 93, 21.4.2006, p. 13.
(2) ĠU C 95, 22.4.2006, p. 9 sa 27 u p. 30.

— F'konformità mad-Digriet Nru 35, mibgħut lill-Kummissjoni fid-29 ta' Diċembru 2005 u ppubblikat fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* fil-11 ta' Jannar 2006, l-OSP kellhom japplikaw għar-rotot ikkonċernati mill-31 ta' Marzu 2006 sat-30 ta' Marzu 2009. Madankollu, fit-28 ta' Frar 2006, l-awtoritajiet Taljani għarrfu lill-Kummissjoni li fit-23 ta' Frar 2006 kienu adottaw Digriet li estenda d-dati sat-2 ta' Mejju 2006 u l-1 ta' Mejju 2009 (ittra tar-Rappreżentanza Permanenti Taljana nru ta' referenza 2321). Dawn id-dati huma dawk ippubblikati fl-24 ta' Marzu 2006 fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

— F'konformità mad-Digriet Nru 36 mibgħut lill-Kummissjoni fid-29 ta' Diċembru 2005 u ppubblikat fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* fil-11 ta' Jannar 2006 u fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-21 ta' April 2006, ir-Repubblika Taljana ħabbret li d-data tal-validità ta' l-OSP għar-rotot ikkonċernati kellha tiġi ddefinita ulterjorment. Għaldaqstant l-ebda data definittiva ma ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

— It-trasportaturi li jkunu jixtiequ jilqgħu l-OSP jeħtieġilhom iressqu l-aċċettazzjoni uffiċjali tagħhom lill-awtorità kompetenti Taljana fi żmien tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(7) Qabel ma imponiet l-OSP imsemmija fid-deċiżjoni preżenti, ir-Repubblika Taljana kienet imponiet, permezz tad-Digrieti ta' l-1 ta' Awwissu u tal-21 ta' Diċembru 2000, l-OSP fuq sitt rotot bejn l-ajruporti ta' Sardenja, Ruma u Milan. Dawn l-obbligi ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fis-7 ta' Ottubru 2000 ([1]). B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament, ġiet organizzata sejħa għall-offerti sabiex jintgħażlu t-trasportaturi awtorizzati joperaw esklussivament fuq ir-rotot ikkonċernati, bil-ħlas ta' kumpens finanzjarju ([2]).

(8) It-trasportaturi awtorizzati joperaw fuq ir-rotot suġġetti għall-OSP kienu dawn li ġejjin:

— Alitalia għar-rotta Cagliari/Ruma

— Air one għar-rotot Cagliari/Milan, Alghero/Milan u Alghero/Ruma

— Meridiana għar-rotot Olbia/Ruma u Olbia/Milan

(9) Din is-sistema ta' operat ġiet issostitwita mill-OSP imposti bid-Digriet Taljan tat-8 ta' Novembru 2004 u ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ta' l-10 ta' Diċembru 2004 ([3]). Wara sentenza tat-tribunal amministrattiv reġjunali tal-Lazio fis-17 ta' Marzu 2005 li parzjalment annullat id-Digriet tat-8 ta' Novembru 2004, l-awtoritajiet Taljani għarrfu l-Kummissjoni li kienu "ssospendew" dawn l-obbligi. Avviż dwar dan ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fl-1 ta' Lulju 2005 ([4]). Fis-6 ta' Diċembru 2005, l-awtoritajiet Taljani nnotifikaw lill-Kummissjoni bit-tħassir tad-Digriet tat-8 ta' Novembru 2004, b'effett mill-15 ta' Novembru 2004.

## II. IL-PROĊEDURA

(10) Permezz ta' ittra tad-9 ta' Marzu 2006 (irreġistrata bin-numru 204756), il-Kummissjoni esprimiet it-tħassib tagħha lir-Repubblika Taljana dwar l-OSP imposti bid-Digrieti Nri 35 u 36. Talbet tagħrif aktar preċiż dwar ir-raġunijiet u l-modalitajiet ta' l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-Repubblika Taljana wieġbet permezz ta' l-ewwel ittra, flimkien ma' abbozz ta' risposta, fit-22 ta' Marzu 2006, u mbagħad permezz ta' ittra fl-4 ta' April 2006.

(11) Il-Kummissjoni daret fuq l-ENAC, fis-27 ta' April 2006, biex titlob preċiżjonijiet u b'mistoqsijiet dwar it-tħaddim preżenti ta' l-OSP, qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-OSP il-ġodda.

(12) Permezz ta' ittra tad-9 ta' Mejju 2006, l-ENAC wieġbet u kkonfermat li s-sistema ta' l-OSP applikabbli sat-2 ta' Mejju 2006 minn Sardenja lejn il-bliet ta' Ruma u Milan kienet dik tas-sena 2000, li kienet għadha fis-seħħ ġaladarba d-Digriet ta' l-2004, li kien maħsub biex jemendaha, kien tħassar. Mit-2 ta' Mejju 2006, għandha tapplika s-sistema l-ġdida pprovduta bid-Digriet Nru 35. It-tweġiba spjegat ukoll li l-OSP kienu jkopru għal kollox is-sistema kollha ta' l-ajruport ta' Milan, kif tipprovdi l-pubblikazzjoni ta' l-2000.

(13) Fl-4 ta' Awwissu 2006, ir-Repubblika Taljana rrispondiet mill-ġdid għall-ittra tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu, b'ċertu tagħrif kumplementari li, madankollu, ma wassalx informazzjoni ġdida sinifikanti.

(14) Fl-1 ta' Awwissu 2006, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess, ħadet id-Deċiżjoni li tiftaħ investigazzjoni, kif jipprovdi l-Artikolu 4(3) tar-'Regolament' ([5]). Ir-Repubblika Taljana ġiet innotifikata b'din id-Deċiżjoni fl-1 ta' Awwissu 2006 (id-dokument Nru C(2006) 3516). Fl-istess Deċiżjoni, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani jagħtuha tweġibiet dwar diversi punti, u tathom żmien xahar biex jirrispondu.

(15) L-awtoritajiet Taljani rrispondew permezz ta' ittra tal-31 ta' Awwissu 2006. Ir-risposta kienet tkopri parti apprezzabbli tal-mistoqsijiet li kienu saru.

([1]) ĠU C 284, 7.10.2000, p. 16.
([2]) ĠU C 51, 16.02.2001, p. 12-22.
([3]) ĠU C 306, 10.12.2004, p. 6.
([4]) ĠU C 161, 1.7.2005, p. 10.
([5]) ĠU L 215, 5.8.2006, p. 31.

(16) Madankollu, il-Kummissjoni fit-2 ta' Ottubru 2006 rrikorriet għand ir-Rappreżentanza Permanenti Taljana biex titlob tagħrif supplimentari.

(17) Fis-6 ta' Ottubru 2006, ir-Repubblika Taljana wieġbet fit-tul għall-mistoqsijiet supplimentari tal-Kummissjoni, b'ħafna tagħrif.

(18) Laqgħa tal-Kummissjoni (l-Unità TREN.F.1) ma' l-awtoritajiet Taljani (il-Ministeru tat-Trasport, ir-Rappreżentanza Permanenti, il-Gvern ta' Sardenja u l-ENAC) saret fi Brussell fis-17 ta' Ottubru 2006.

(19) Din ir-risposta b'mod partikolari kkonfermat li r-rotot li ġejjin kienu diġà qegħdin jiġu operati skond l-OSP imposti taħt l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament.

— Olbia-Ruma: Meridiana

— Olbia-Milan: Meridiana

— Alghero-Ruma: Air One

— Alghero-Milan: Air One

— Cagliari-Ruma: Air One u Meridiana

— Cagliari-Milan: Air One u Meridiana

— Cagliari-Bologna: Meridiana

— Cagliari-Turin: Meridiana

— Cagliari-Verona: Meridiana

— Olbia-Bologna: Meridiana

Min-naħa l-oħra, għas-6 rotot l-oħra, l-ebda kumpanija ma kienet aċċettat li topera taħt is-sistema pprovduta l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament. Ir-Repubblika Taljana għalhekk bihsiebha tagħmel sejħa għall-offerti skond l-Artikolu 4(1)(d). Bħalissa, il-kumpaniji magħżula biex jieħdu sehem huma:

— Olbia-Verona: Meridiana

— Alghero-Bologna: Air One

— Alghero-Turin: Air One

— Cagliari-Firenze: Air One u Meridiana

— Cagliari-Napli: Air One u Meridiana

— Cagliari-Palermo: Air One u Meridiana [1].

Madankollu, ir-Repubblika Taljana spjegat li ma kinitx għadha allokat dawn ir-rotot minħabba l-investigazzjoni li l-Kummissjoni kienet qiegħda tagħmel.

III. **ANALIŻI**

### 1. Il-qafas ġuridiku

(20) Ir-regoli dwar l-OSP huma stipulati bir-Regolament, li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-provvista ħielsa tas-servizzi fis-settur tat-trasport bl-ajru.

(21) L-OSP huma definiti bħala eċċezzjoni għall-prinċipju tar-Regolament li "suġġett għal dan ir-Regolament, it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għandhom jitħallew mill-Istat(i) Membru/i kkonċernati li jeżerċitaw jeddijiet ta' traffiku fuq rotot ġewwa l-Komunità" [2].

(22) Il-kundizzjonijiet ta' l-impożizzjoni tagħhom huma stipulati fl-Artikolu 4. Huma suġġetti għal interpretazzjoni stretta, fir-rispett tal-prinċipji tal-ħelsien mid-diskriminazzjoni u tal-proporzjonalità. Jeħtiġilhom jiġu ġġustifikati b'mod adegwat abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu msemmi.

(23) Aktar preċiżament, ir-regoli dwar l-OSP jipprovdu li Stat Membru jista' jimponihom "fir-rigward tas-servizzi bl-ajru skedati lejn ajruport li jservi reġjun periferiku jew ta' żvilupp fit-territorju tiegħu jew fuq rotta qasira lejn xi ajruport reġjonali fit-territorju tiegħu, meta dik ir-rotta ma tkunx kunsidrata vitali għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun li fih ikun lokalizzat l-ajruport, sal-limitu meħtieġ biex ikun assigurat li fuq dik ir-rotta l-għoti adegwat tas-servizzi bl-ajru skedati jkunu jissodisfaw in-normi stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, volum u prezz, liema normi t-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx jista' jassumi kieku jkun qiegħed jikkonsidra biss l-interess kummerċjali tiegħu" [3].

(24) L-adegwatezza tas-servizzi ta' l-ajru skedati tiġi vvalutata mill-Istati Membri "meta wieħed jikkunsidra l-interess tal-pubbliku; il-possibbiltà li jkun hemm aċċess għal modi oħra tat-trasport u l-volum ta' dawk il-modi li jilħqu l-ħtiġijiet tat-trasport li jkun qed jiġi kkunsidrat; l-effett konġunt tat-trasportaturi ta' l-ajru kollha li joperaw jew li huma maħsuba li joperaw fuq ir-rotta" [4].

---

[1] Ara t-tweġibiet tar-Repubblika Taljana tas-6 ta' Ottubru u l-15 ta' Novembru 2006, kif ukoll il-komunikat lill-istampa ta' l-ENAC tat-23 ta' Mejju 2006.

[2] Ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992, l-Artikolu 3(1).

[3] Ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992, l-Artikolu 4(1)(a).

[4] Ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992, l-Artikolu 4(1)(b).

(25) L-Artikolu 4 jipprovdi mekkaniżmu f'żewġ fażijiet: fl-ewwel wieħed – l-Artikolu 4(1)(a) – l-Istat Membru kkonċernat jimponi OSP fuq rotta jew fuq aktar minn rotta waħda, li jibqgħu miftuħa għat-trasportaturi bl-ajru kollha tal-Komunità sakemm jaqdu l-obbligi msemmija. Jekk l-ebda trasportatur ma jippreżenta ruħu biex jopera r-rotta suġġetta għall-OSP, l-Istat Membru jista' jgħaddi għat-tieni fażi – l-Artikolu 4(1)(d) – li jikkonsisti f'li l-aċċess għar-rotta jkun limitat għal trasportatur wieħed biss għal perjodu massimu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded. Dan it-trasportatur jintgħażel abbażi ta' sejħa għall-offerti fil-Komunità. It-trasportatur magħżul jista' mbagħad jirċievi kumpens finanzjarju għall-operat tar-rotta f'konformità ma' l-OSP.

(26) Skond l-Artikolu 4(3), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, wara investigazzjoni li twettaqha fuq talba ta' Stat Membru jew inkella bl-inizjattiva tagħha stess, jekk l-OSP ippubblikati jkollhomx jibqgħu japplikaw. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u l-Istati Membri.

## 2. **Eliġibbiltà tar-rotot**

(27) Ir-Repubblika Taljana ġġustifikat l-impożizzjoni ta' l-OSP permezz tal-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp ta' Sardenja, li jeħtiġilha tpatti għall-iżvantaġġi marbuta ma' l-insularità tagħha.

(28) Barra minn hekk, il-gvern awtonomu ta' Sardenja impenja ruħu li jiffavorixxi l-moviment ħieles tar-residenti. Fil-fatt, ir-rotot bejn Sardenja u l-Italja kontinentali f'xi staġuni mhumiex adegwati, filwaqt li skond il-prinċipju tal-moviment ħieles ir-residenti ta' Sardenja għandhom igawdu minn possibbiltajiet suffiċjenti kontinwi matul is-sena. Barra minn hekk, ir-Repubblika-Taljana qed tenfasizza d-distanzi twal, sew f'kilometri kif ukoll fil-ħin tal-vjaġġi, bejn id-diversi ajruporti ta' Sardenja, reġjun li jbati minn ċerti nuqqasijiet f'dik li hija l-infrastruttura. Huwa propju fuq din il-bażi li tiġġustifika l-ħtieġa ta' l-OSP biex ikopru t-tliet ajruporti ta' Sardenja.

(29) Il-Kummissjoni jidhrilha li Sardenja tista' titqies bħala żona periferika minħabba l-insularità tagħha, u minħabba n-nuqqas ta' mezzi reali alternattivi tat-trasport.

(30) Barra minn hekk, id-distakk negattiv bejn l-iżvilupp ta' Sardenja u dak ta' reġjuni oħra ta' l-Italja huwa ddokumentat bis-sħiħ: l-iżolament ta' Sardenja, flimkien mal-popolazzjoni ċkejkna tagħha, aggravata minn emigrazzjoni qawwija, flimkien jispjegaw l-iżvantaġġ ekonomiku tal-gżira, li jġibha fl-istess klassi tar-reġjuni tal-Mezzogiorno.

(31) Abbażi tat-tagħrif li għandha f'idejha, l-analiżi tal-Kummissjoni ma jippermettix li jinxteħet xi dubju dwar il-karattru vitali tar-rotot ikkonċernati kif imressaq mill-awtoritajiet Taljani.

## 3. **L-adegwatezza ta' l-OSP**

### 3.1. *Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

(32) Skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament, l-Istati Membri ma jistgħux jimponu OSP ħlief "sal-limitu meħtieġ biex ikun assigurat li fuq dik ir-rotta l-għoti adegwat tas-servizzi bl-ajru skedati jkunu jissodisfaw in-normi stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, volum u prezz, liema normi t-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx jista' jassumi kieku jkun qiegħed jikkunsidra biss l-interess kummerċjali tiegħu".

(33) L-adegwatezza tas-servizzi tiġi vvalutata fil-qies tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament:

— l-interess tal-pubbliku;

— il-possibbiltà, b'mod partikolari għal reġjuni gżejjer, li jkun hemm aċċess għal modi oħra tat-trasport u l-volum ta' dawk il-modi li jilħqu l-ħtiġijiet tat-trasport li jkun qed jiġi kkunsidrat;

— it-tariffi ta' l-ajru u kundizzjonijiet li jistgħu jiġu kkwotati lill-utenti;

— l-effett konġunt tat-trasportaturi ta' l-ajru kollha li joperaw jew li huma maħsuba li joperaw fuq ir-rotta.

(34) Barra minn hekk, l-obbligi ta' servizz pubbliku jeħtiġilhom ikunu konformi mal-prinċipji fundamentali tal-proporzjonalità u tal-ħelsien mid-diskriminazzjoni [ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-20 ta' Frar 2001 fil-kawża C- 205/99, l-*Asociación Profesional de Empresas Navieras de Líneas Regulares (Analir)* u oħrajn kontra *l-Administración General del Estado*, Rec. 2001, p. I-01271].

(35) F'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni jidhrilha li, abbażi tat-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet Taljani, l-impożizzjoni ta' l-OSP f'dak li jirrigwarda l-frekwenza u l-volum tat-titjiriet, kif ukoll it-tariffi, tista' tkun meħtieġa sabiex tiżgura għoti adegwat ta' servizzi fuq ir-rotot ikkonċernati.

(36) Madankollu, il-Kummissjoni jidhrilha li ċerti kundizzjonjiet imposti mid-Digrieti Nri 35 u 36 huma restrittivi aktar mill-meħtieġ jew inkella sproporzjonati.

3.2. *L-obbligu li l-aċċettazzjoni ta' l-OSP tiġi kkomunikata fi żmien 30 jum*

(37) Il-punt 8 ta' l-OSP kif jipprovdu d-Digrieti Nri 35 u 36 jistipula li "t-trasportaturi li jkunu jixtiequ jilqgħu l-OSP li hemm f'dan l-Anness jeħtiġilhom iressqu l-aċċettazzjoni uffiċjali tagħhom lill-ENAC fi żmien 30 jum mid-data li fiha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-impożizzjoni ta' l-obbligi msemmija hawn fuq." Fil-fatt, dan l-obbligu rriżulta li kien kundizzjoni ta' esklużjoni ta' trasportatur li kien wassal aċċettazzjoni tali "tard wisq" b'jum. B'hekk, trasportatur li ma jkunx ikkomunika l-aċċettazzjoni tiegħu tat-totalità tal-kundizzjonijiet ta' l-OSP f'din il-medda ta' żmien ikun hemm ċans li jisfa' eskluż għall-perjodu kollu.

(38) Il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni ma għandha l-ebda bażi fil-liġi konformi ma' l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament, u li tirriżulta restrittiva aktar milli dovut. L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament ma jawtorizzax lill-Istati Membri li jillimitaw l-għadd ta' trasportaturi li jistgħu jkollhom aċċess għar-rotot, iżda biss li jimponu b'mod ġenerali OSP applikabbli għall-operaturi kollha li joperaw jew li jkollhom intenzjoni joperaw dawn ir-rotot. Limitazzjoni bħal din ta' l-għadd tat-trasportaturi tista' ssir biss skond l-Artikolu 4(1)(d).

(39) Għaldaqstant, kull trasportatur li jkollu l-intenzjoni jaqdi l-OSP imposti skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament għandu jkun jista' jopera din ir-rotta, kien x'kien il-mument meta huwa bihsiebu jibda s-servizzi. Stat Membru jista' jillimita l-aċċess għal din ir-rotta skond l-Artikolu 4(1)(d), jekk f'data preċiża l-ebda trasportatur ma jkun beda servizzi regolari bi skeda fuq rotta f'konformità ma' l-OSP imposti skond l-Artikolu 4(1)(a). Biss, jekk operatur jew aktar minn operatur wieħed ikunu bdew l-operat fiż-żmien stabbilit, Stat Membru ma jistax jeskludi minn din ir-rotta trasportaturi oħra li jikkomunikaw l-intenzjoni tagħhom li joperaw fi kwalunkwe waqt wara d-data ta' l-għeluq. Id-dħul ta' operaturi ġodda jista', madankollu, jirrikjedi xi aġġustamenti fl-OSP imposti fuq kull trasportatur. (ara aktar 'l isfel, sezzjoni 3.4)

3.3. *L-obbligu ta' l-operat tar-rotta matul perjodu ta' tliet snin*

(40) Il-punt 5 ta' l-OSP kif jipprovdu d-Digrieti Nri 35 u 36 jistipula li "f'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, it-trasportatur li jaċċetta l-obbligi jeħtieġlu jiżgura s-servizz matul perjodu ta' 36 xahar konsekuttiv u ma jistax jinterrompih ħlief wara notifika b'talanqas sitt xhur bil-quddiem lill-ENAC u lir-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja".

(41) L-esiġenza ta' perjodu minimu ta' l-operat hija konformi, f'dan il-każ partikolari, ma' l-Artikolu 4(1)(c) li jipprovdi li "fil-każi meta forom oħra ta' trasport ma jistgħux jassiguraw servizz adegwat u mhux interrott, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jinkludu fl-obbligi ta' servizz pubbliku l-ħtieġa li kull trasportatur ta' l-ajru li jkun bihsiebu jopera r-rotta jagħti garanzija li jopera r-rotta għal ċertu perjodu, li għandu jkun speċifikat, skond il-kundizzjonijiet l-oħra ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku". Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li minħabba l-insularità ta' Sardenja u l-bogħod tagħha mill-kontinent, mezzi alternattivi tat-trasport ma jiżgurawx servizz alternattiv adegwat.

(42) Madankollu l-Kummissjoni jidhrilha li t-tul minimu ta' tliet snin impost mid-Digrieti Nri 35 u 36 huwa eċċessiv u sproporzjonat.

(43) Il-Kummissjoni tista' tifhem li l-ħtieġa li tiġi żgurata kontinwità tas-servizz u li jinkiseb impenn min-naħa tat-trasportaturi li joperaw matul ċertu perjodu. Madankollu, kif ġie indikat aktar 'il fuq, l-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni ta' l-OSP ma għandhomx id-dritt iwarrbu kandidati potenzjali mill-operat: l-OSP mingħajr konċessjoni esklussiva u lanqas kumpens fl-ebda każ ma għandhom jikkostitwixxu għeluq tas-suq, definittiv jew għal perjodu twil.

(44) Jista' jkun leġittimu li, matul ċerti perjodi fis-sena, jiġi impost l-operat tar-rotot li jkunu kkaratterizzati minn irregolarità staġjonali qawwija. Fil-fatt, fuq rotot bħal dawn, it-trasportaturi jista' jkollhom it-tendenza naturali li jillimitaw l-offerta tagħha jew jikkonċentrawha fuq il-ġimgħat li matulhom il-frekwenza tkun biżżejjed biex tiżgura l-qligħ mis-servizz, u li jittraskuraw l-operat tas-servizz fi żminijiet oħra tas-sena. Il-Kummissjoni jidhrilha, madankollu, li f'ċirkostanzi bħal dawn, ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jwassal li t-tul tal-perjodu li matulu l-operat kontinwu għandu jkun iggarantit skond l-OSP pprovduti mill-Artikolu 4(1)(a) ma għandux ikun aktar minn sena.

(45) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li dan it-tul ma jeħlisx lill-awtoritajiet inkarigati mill-applikazzjoni ta' l-OSP milli jagħmlu eżami ta' l-adegwatezza tas-servizz kull tant żmien. Kif jitfakkar aktar 'il quddiem, kien x'kien, eżami bħal dan għandu jsir meta trasportatur ġdid jibda jopera servizzi fuq ir-rotta kkonċernata jew ikun sejjer jagħmel hekk.

3.4. *It-tqassim tar-rotot u l-frekwenzi mill-ENAC*

(46) Il-punt 1.6 tad-Digrieti Nri 35 u 36 ipprovda li "sabiex ma jithalliex li jkun hemm il-kapaċità żejda li tista' ġġib magħha l-aċċettazzjoni ta' l-istess rotta min-naħa ta' għadd ta' trasportaturi, minħabba l-limiti u ċ-ċirkostanzi ta' l-ajruporti kkonċernati fuq il-livell ta' l-infrastruttura, l-ENAC ingħatat l-inkarigu li fl-interess pubbliku, wara konsultazzjoni mar-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja, tadatta l-programmi operattivi tat-trasportaturi li laqgħu l-miri ta' mobbiltà msemmija fl-obbligi. Dan għandu jwassal għal taassim ekwu tar-rotot u l-frekwenzi bejn it-trasportaturi li jilqgħu l-OSP, skond il-volum tat-traffiku fuq ir-rotot (jew it-totalità tar-rotot) ikkonċernati, li jirriżulta għal kull trasportatur matul l-aħħar sentejn".

(47) Skond dawn is-setgħat, l-ENAC tista' tarbitra u tiffavorixxi ftehim bejn diversi kumpaniji li joperaw fuq l-istess rotta. Fil-każ ta' Sardenja, l-ENAC ippresjediet diskussjoni bejn l-operaturi interessati għal ċerti rotot, u ddefiniet magħhom tqassim tat-traffiku.

(48) Ir-Repubblika Taljana tiddefendi din is-setgħa ta' intervent, li, fil-fehma tagħha, tiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz billi l-OSP ma tħallihomx suġġetti għaċ-ċirkostanzi tad-dħul u l-ħruġ ta' operaturi oħra li jistgħu jkollhom anqas interess jaqdu l-OSP mingħajr kumpens. Tirreferi b'mod partikolari għas-sentenza tat-TAR tal-Lazio tas-17 ta' Marzu 2005, li qalet li kien "għal kollox leġittimu li d-Digriet (ta' l-2004) jiddefinixxi xenarju li fih, għar-rotot kollha suġġetti għal OSP, ikun hemm diversi trasportaturi, mhux iggruppati flimkien u f'kompetizzjoni ma' xulxin. Possibbiltà tali, madankollu, jeħtiġilha tkun ipprovduta biċ-ċar, u fl-istess ħin jeħtieġ ikollha kriterju minimu oġġettiv ta' tqassim a priori mis-*slots* f'relazzjoni ma' l-għadd (wieħed, tnejn jew aktar minn tnejn) ta' trasportaturi li jkunu aċċettaw l-OSP fil-fatt, sabiex tiġi evitata l-kapaċità żejda li tkun ta' ħsara għall-offerta, u fuq kollox, li l-allokazzjoni tas-*slots* ma għandhiex twassal għall-introduzzjoni arbitrarja u fil-fatt għall-esklussività ta' l-eżerċizzju, espressament miċħuda min-normi tad-Digriet" [1].

(49) L-OSP imposti skond l-Artikolu 4(1)(a) għandhom jinkludu t-trasportaturi kollha li joperaw jew li jkollhom l-intenzjoni joperaw fuq ir-rotta kkonċernata. Dan jikkonferma l-Artikolu 4(1)(b) li jistipula li "l-adegwatezza tas-servizzi bl-ajru skedati għandha tkun evalwata mill-Istati Membri meta wieħed jikkunsidra:(...)l-effett konġunt tat-trasportaturi ta' l-ajru kollha li joperaw jew li huma maħsuba li joperaw fuq ir-rotta".

(50) Il-Kummissjoni tqis li dan il-prinċipju għandu jiġi segwit, mhux biss fil-waqt ta' l-impożizzjoni, imma wkoll waqt it-tul kollu tal-perjodu ta' l-OSP. Hekk, kull darba li trasportatur ġdid jibda jopera fuq din ir-rotta, jew ikun sejjer jibda jagħmel hekk, il-livell tal-kapaċitajiet u tal-frekwenzi imposti mill-OSP fuq kull trasportatur għandu jiġi aġġustat, b'tali mod li l-kapaċitajiet u l-frekwenzi totali ma jaqbżux dak li jkun strettament meħtieġ biex jingħata servizz adegwat.

(51) Fil-fatt, ġaladarba dawn huma OSP imposti skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament, it-trasportaturi mhumiex obbligati jiżguraw individwalment l-għadd ta' frekwenzi jew ta' kapaċitajiet, imma l-operaturi lkoll flimkien li jistgħu jippermettu li jiġi żgurat dan is-servizz minimu.

(52) Il-Kummissjoni tagħraf li jista' jsir neċessarju għall-awtorità inkarigata mill-OSP li tiżgura li l-frekwenzi u l-kapaċitajiet flimkien iħallu li l-OSP jinqdew. Madankollu, din l-awtorità lit-trasportaturi kkonċernati ma għandha qatt tillimitalhom il-possibbiltà li, meta jridu, ifornu s-servizzi lil hinn mill-kapaċità jew il-frekwenza rikjesti mill-OSP, li ma jistgħux ikunu ħlief obbligi minimi. Konsegwentement, safejn ir-regoli adottati mill-ENAC għandhom l-għan li jżommu trasportatur milli jagħti servizzi addizzjonali, huma restrittivi aktar mid-dovut u jmorru kontra r-Regolament.

(53) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li r-Repubblika Taljana fl-ittra tagħha tal-15 ta' Novembru 2006 ikkonfermat li l-amministrazzjoni tagħha kull tant żmien sejra tivvaluta l-qagħda mill-ġdid, fuq bażi annwali, u sejra tanalizza applikazzjonijiet eventwali minn operaturi li jkunu lesti joperaw fuq ir-rotot fil-qafas ta' l-OSP [2]. Tinnota li r-Repubblika Taljana kkonfermat li "xejn ma jipprojbixxi Stat Membru milli jivverifika (inkluż waqt il-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' l-OSP) l-adegwatezza u l-ħtieġa ta' l-OSP, u li jimmodifikahom jew jirrevokahom, sakemm l-utilità jew il-karattru leċitu tagħhom ma jiġix rikonoxxut ulterjorment" [3].

[1] Is-Sentenza tat-TAR tal-Lazio Nru 2436 tas-17 ta' Marzu 2005.

[2] L-ittra tar-Repubblika Taljana tal-15 ta' Novembru 2006, p. 2.

[3] L-ittra tar-Repubblika Taljana tal-15 ta' Novembru 2006, p. 11.

3.5. *Ir-raggruppament flimkien tar-rotot Alghero-Ruma u Alghero-Milan minn naħa, Olbia-Ruma u Olbia-Milan min-naħa l-oħra*

(54) Ir-Repubblika Taljana tiġġustifika r-raggruppament flimkien tar-rotot Alghero-Ruma u Alghero-Milan minn naħa, Olbia-Ruma u Olbia-Milan min-naħa l-oħra abbażi tal-komplementarità tagħhom u l-interdipendenza bejniethom għall-operat. Fil-fatt, skond l-awtoritajiet Taljani, għal żewġ terzi tas-sena dawn ir-rotot huma kkaratterizzati minn traffiku oġġettivament ridott, minħabba l-istaġjonalità kbira ħafna tat-traffiku. Fid-dawl tal-fatt li m'hemm maħsub l-ebda kumpens finanzjarju fuq dawn ir-rotot, tkun ir-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni li lit-trasportaturi tiżguralhom li l-operat tagħhom ikun sostenibbli minkejja li ma jkunx attraenti mill-angolu ekonomiku. B'hekk ikunu qed jiġu implimentati "l-effetti tajba ta' l-interdipendenza operattiva" li jippermettu li "fl-istaġun tax-xitwa, ir-rotazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru minħabba l-faqar tad-domanda" filwaqt li "il-previżjoni ta' pakketti ta' rotot tikkontribwixxi biex tattira trasportaturi disposti li joperaw dawn ir-rotot". Barra minn hekk, fil-fehma tar-Repubblika Taljana, l-offerta rikjesta għall-perjodu tas-sajf tkun tista' tiġi rispettata aħjar bl-operat konġunt fuq għadd ta' rotot. Ir-Repubblika Taljana fl-aħħarnett tressaq l-argument li r-Regolament innifsu jipprevedi l-possibbiltà li l-varjazzjonijiet fid-domanda jingħaqdu flimkien, pereżempju fi ħdan l-istess ġimgħa. Dan ir-raggruppament b'hekk jippermetti li jitrażżnu l-ispejjeż u jittejbu kemm jista' jkun il-kapaċitajiet, filwaqt li fl-istess ħin tingħata risposta għall-esiġenzi tad-domanda. B'hekk dan ir-raggruppament ma jkunx jikkostitwixxi restrizzjoni tas-suq, iżda bil-maqlub, jagħmilha possibbli li jinġibdu aktar operaturi.

(55) Il-Kummissjoni jidhrilha li r-raggruppament tar-rotot mhuwiex kompatibbli ma' l-Artikolu 4(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament. Fil-fatt, il-kriterji ta' l-eliġibbiltà u ta' l-adegwatezza ta' l-OSP ipprovduti f'dawn id-dispożizzjonjiet espliċitament isemmu, kull darba, "ir-rotta", mingħajr qatt ma jipprovdu dwar raggruppament ta' rotot. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi konkluż li kull wieħed mill-kriterji għandu jiġi vvalutat separatament, fir-rigward ta' kull rotta meħuda individwalment.

(56) Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fil-fatt, raggruppament tar-rotot ta' dan it-tip lill-Istati Membri jħallihom jimponu OSP fuq rotot fejn ma jkunux meħtieġa biex jiżguraw l-għoti ta' servizz adegwat. Il-possibbiltà li dawn ir-rotot jinġabru flimkien għalhekk ma tidhirx ħlief fl-Artikolu 4(1)(d), fejn jintqal li d-dritt ta' l-operat ta' dawn is-servizzi għandu jingħata wara sejħa għall-offerti "jew għal rotta singola jew għal grupp ta' dawk ir-rotot". Din ir-referenza espliċita fl-Artikolu 4(1)(d) teskludi *a contrario* li raggruppament tali jkun jista' japplika fil-kuntest ta' l-ambitu ta' l-Artikolu 4(1)(a), (b) u (c). Huwa preċiżament minħabba li s-suq ma jkunx ippermetta li trasportatur bl-ajru jkun beda s-servizzi skedati fuq rotta, jew ikun wasal biex jibdiehom, skond l-OSP li jkunu ġew imposti fuq dik ir-rotta, li l-Istat Membru jkun jista' jillimita l-aċċess għal trasportatur wieħed biss, għal perjodu massimu ta' tliet snin, u jipprevedi sejħa għall-offerti li tista' tiġi estiża għal grupp ta' rotot. Fil-qosor, ir-raggruppament ta' diversi rotot jista' jitqies biss bħala risposta għal lakuna ċara tas-suq u bħala forma indiretta ta' kumpens li, fuq il-mudell tal-kumpens dirett, mhuwiex ammissibbli ħlief fil-kuntest ta' l-Artikolu 4(1)(d). Skond sistema ta' OSP taħt l-Artikolu 4(1)(d), ir-raggruppament fl-ebda każ ma jista' jimmira li jrendi l-qligħ minn żewġ rotot separati sabiex jiffavorixxi l-operat ta' trasportatur jew għadd ta' trasportaturi.

(57) Barra minn hekk, l-ispjegazzjonijiet imressqa mill-awtoritajiet Taljani ma jserrħu fuq l-ebda *data* kkwantifikata teknika jew ekonomika li tirfed l-analiżi tagħhom.

Fil-fatt, jistgħu jitqajmu kontra l-elementi li ġejjin:

— il-kapaċitajiet u l-frekwenzi rikjesti għandhom iqisu l-ħtiġijiet rotta b'rotta, u mhux b'tali mod li jkunu jistgħu jinqdew b'aktar effikaċja biss permezz tar-raggruppament ta' dawn ir-rotot.

— l-obbligi, f'termini ta' frekwenza marbuta ma' dan l-akkoppjament, tant jirriżultaw kbar li fil-fatt iwarrbu fil-ġenb għadd kbir ta' operaturi potenzjali li jkunu jixtiequ jirrispondu għall-OSP u jaqdu Sardenja, imma li minħabba n-nuqqas ta' stabbiliment operattiv f'waħda miż-żewġ bliet, fil-fatt ikunu għal kollox imbarrin milli jiżguraw is-servizz. Konsegwentement, ir-raggruppament pjuttost ikollu l-effett li jagħlaq is-suq.

— F'dan ir-rigward huwa evidenti li l-OSP raggruppati b'dan il-mod ma jħallux lil għadd żgħir ta' operaturi li diġà jinsabu fil-post jirrispondu favorevolment. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni ta' l-OSP barriet kumpaniji li kienu qed joperaw jew li kellhom l-intenzjoni joperaw fuq ir-rotot minn Ruma u Milan, preċiżament bid-destinazzjoni ta' kull wieħed mill-ajruporti kkonċernati, jiġifieri Olbia u Alghero. B'hekk, anke jekk kellhom ir-rieda, dawn it-trasportaturi ma setgħux iressqu l-kandidatura tagħhom għal operat ta' spiża kbira wisq għall-attività tagħhom. Raggruppamenti ta' dan it-tip għaldaqstant ibarru operaturi eventwali oħra.

Dawn l-effetti restrittivi huma aktar importanti fid-dawl tad-daqs tas-swieq ikkonċernati (it-total tal-passiġġieri fl-2005 – ċifri tar-Repubblika Taljana):

— Olbia-Ruma u Olbia Milan: 731 349 (390 186 fis-sajf u 341 163 fix-xitwa).

— Alghero-Ruma u Alghero-Milan: 502 820 (184 273 fis-sajf u 318 547 fix-xitwa).

F'dawn il-kundizzjonijiet, mhuwiex probabbli li r-rotot bejn l-akbar żewġ bliet ta' l-Italja u l-ajruporti ta' Olbia u Alghero f'Sardenja tant ma jkunux attraenti li, biex isiru attraenti, ikollhom jiġu raggruppati flimkien.

(58) Konsegwentement, il-Kummissjoni jidhrilha li r-raggruppament ta' ċerti rotot mhuwiex kompatibbli mar-Regolament, u huwa restrittiv aktar mid-dovut.

3.6. *It-tariffi preferenzjali għall-persuni mwielda f'Sardenja imma li mhumiex residenti hemmhekk*

(59) Id-Digrieti Nri 35 u 36 jesiġu li t-trasportaturi għandhom japplikaw tariffi preferenzjali għall-persuni mwielda f'Sardenja imma li mhumiex residenti hemmhekk. Skond l-estimi tar-Repubblika Taljana, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jaffettwaw massimu ta' 220 000 persuna, u realment ċifra eqreb lejn il-110 000 jekk wieħed iqis li 50 % minnhom jagħmlu vjaġġ wieħed fis-sena.

(60) Fil-prattika, miżura bħal din liċ-ċittadini Ewropej ta' nazzjonalità Taljana tiffavorixxihom aktar minn ċittadini ta' nazzjonalitajiet oħra. Għaldaqstant, *prima facie* tista' titqies bħala diskriminatorja minħabba n-nazzjonalità, u għalhekk tmur kontra t-Trattat. Miżura bħal din fil-kuntest ta' sistema ta' OSP tista' titħalla biss safejn id-differenza fit-trattament tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati, u pproporzjonati għall-mira leġittima tad-dritt nazzjonali.

(61) Ir-Repubblika Taljana tispjega li l-miżura hija meħtieġa essenzjalment biex lill-emigranti Sardi tħallihom jibqgħu magħquda mal-komunità kulturali ta' l-oriġini tagħhom ([1]). Madankollu, anke jekk il-mira tkun tista' titqies bħala waħda leġittima ta' interess pubbliku fis-sens ta' l-Artikolu 4(1)(b)(i) tar-Regolament, il-miżura hija evidentement sproporzjonata. L-ewwelnett, il-miżura hija applikabbli għal kull persuna mwielda f'Sardenja imma mhux residenti hemmhekk, mingħajr il-ħtieġa li tintwera xi rabta li tkun għadha teżisti bejn il-persuna kkonċernata u r-reġjun ta' l-oriġini, pereżempju f'termini ta' familja. It-tieni, il-miżura hija applikabbli indipendentement mill-mezzi finanzjarji ta' kull emigrant. It-tielet, bil-maqlub tar-residenti ta' Sardenja li jeħtiġilhom jivvjaġġaw lejn il-kontinent relattivament ta' spiss sabiex jirċievu ċerti servizzi fundamentali (edukazzjoni, saħħa) jew għal attivitajiet ekonomiċi meħtieġa għall-iżvilupp ta' Sardenja, l-emigranti jmorru Sardenja biss okkażjonalment (skond l-awtoritajiet Taljani, massimu ta' 50% potenzjalment ikkonċernati jagħmlu vjaġġ wieħed fis-sena). Konsegwentement, l-ispiża totali ta' dawn il-vjaġġi okkażjonali hija relattivament anqas f'relazzjoni ma' l-ispejjeż li jagħmlu r-residenti ta' Sardenja, u f'għadd kbir ta' każijiet, ikunu faċilment jiġu koperti mill-emigranti nfushom, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiddaħħal it-tnaqqis ipprovdut mid-Digrieti Nri 35 u 36. Fl-aħħarnett, safejn ċerti emigranti ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa biex iħallsu l-prezz ta' titjira annwali lejn Sardenja, miżura aktar adegwata u anqas restrittiva tkun li l-emigranti kkonċernati jiġu offruti l-għajnuna.

(62) F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni jidhrilha li din id-dispożizzjoni hija sproporzjonata u mhijiex kompatibbli mar-Regolament.

3.7. *L-applikazzjoni għat-totalità tas-sistema ajruportwali*

(63) Id-Digrieti Nri 35 u 36 jipprovdu li l-applikazzjoni ta' l-OSP lejn Ruma u Milan iħaddnu fihom l-integralità tas-sistemi ajruportwali korrispondenti, hekk kif jidher fl-Anness II tar-Regolament, jiġifieri:

— L-ajruporti ta' Fiumicino u Ciampino għal Ruma

— L-ajruporti ta' Linate, Malpensa u Bergamo għal Milan

(64) Infakkru li l-OSP ta' l-2000 kienu jkopru l-ajruporti ta' "Ruma (Fiumicino) u Milan". Fil-kuntest tal-binja tas-sistema ajruportwali ta' Milan, skond l-Artikolu 8 u ta' l-Anness II tar-Regolament, l-Italja uffiċjalment estendiet l-applikazzjoni ta l-OSP għat-totalità tas-sistema ajruportwali kkonċernata.

([1]) L-ittra tar-Repubblika Taljana tas-6 ta' Ottubru 2006, p. 72-74.

(65) Ir-Repubblika Taljana ġġustifikat l-għażla tagħha biss fuq raġunijiet tekniċi, li wassluha biex terġa' tinkludi awtomatikament l-integralità ta' kull sistema ajruportwali. Madankollu, ikkonfermat li l-interess prinċipali ta' l-OSP kien iffukat fuq l-ajruporti ta' Ruma-Fiumicino u Milan-Linate, preferuti mill-benefiċjarji ta' l-OSP minħabba l-prossimità tagħhom lejn iċ-ċentru tal-bliet kbar ikkonċernati, li kien jiġġustifika li l-OSP ipprovdew li "fid-dawl tad-disponibbiltà tas-*slots*, talanqas 50 % tar-rotot previsti bejn l-ajruporti ta' Sardenja, dawk ta' Ruma u ta' Milan għandhom ikunu żgurati bi tluq minn Fiumicino u Linate u lejn dawn iż-żewġ destinazzjonijiet" [1].

(66) Ir-Repubblika Taljana argumentat li kien "oġġettivament ippruvat li l-ajruporti ta' Fiumicino għal Ruma u Linate għal Milan jirrappreżentaw id-destinazzjoni l-aktar komda, moqdija l-aħjar u l-aktar attraenti għall-utenti, ġaladarba huma ż-żewġ ajruporti li huma l-eqreb u l-aktar ikkollegati maċ-ċentri taż-żewġt ibliet". B'hekk spjegat li "sabiex jiġi ggarantit servizz aħjar u biex tingħata risposta aħjar għall-esiġenzi ta' l-utenti, deher li jkun f'loku li jiġi evitat li t-trasportaturi li jilqgħu l-OSP ma jkollhomx il-libertà li dawn l-ajruporti jabbandunawhom għal kollox favur oħrajn (anqas komdi u interessanti għall-utenti) li huma parti mill-istess sistema ajruportwali" [2].

(67) Barra minn hekk, jidher li fil-fatt, it-titjiriet fl-istaġun tax-xitwa joperaw biss mill-ajruporti ta' Fiumicino u Linate.

(68) F'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni tiddubita l-ħtieġa ta' miżura bħal din, li tqisha sproporzjonata f'relazzjoni mal-miri mfittxija, li huma l-iżgurar tal-mobbiltà lejn il-kontinent u l-koeżjoni territorjali. Fil-fatt, din il-miżura għandha l-effett dirett li tbarri trasportaturi okkażjonali, mingħajr ma taffettwa l-prinċipju ta' l-OSP, u tikkontribwixxi għall-għeluq definittiv tas-suq għal operaturi ġodda fuq ir-rotot fejn hemm l-akbar konkorrenza, partikolarment fil-perjodu tas-sajf.

(69) Ir-Repubblika Taljana madankollu rrikonoxxiet li l-ajruport distributur (*hub*) ta' Malpensa kellu rwol essenzjali għar-rotot internazzjonali, filwaqt li l-ajruporti ta' Ciampino u Bergamo, bħala ajruporti *hubs* interni għall-kumpaniji *low-cost*, kienu jippermettu li jinqeda l-prinċipju Komunitarju ta' koeżjoni ekonomika u soċjali, u li għal gżira bħal Sardenja jitwettaq l-għan ta' koeżjoni territorjali mar-reġjuni kollha ta' l-Ewropa. Konsegwentement, ir-Repubblika Taljana impenjat ruħha li temenda d-Digriet Nru 35 biex l-OSP ma japplikawx għall-ajruporti ta' Malpensa, Bergamo u Ciampino [3].

(70) Il-Kummissjoni jidhrilha li dan l-impenn jirrispondi effettivament għad-dubji li jistgħu jitqajmu, u li emenda tali tad-Digriet tħalli li l-impatt tar-restrizzjonijiet mhux dovuti imposti mill-OSP jitnaqqsu b'mod sinifikanti, filwaqt li jaqdu l-ħtiġijiet ta' Sardenja għall-mobbiltà, mingħajr ma jirrestrinġu sproporzjonatament is-swieq ikkonċernati.

(71) Fid-dawl ta' dan l-impenn tar-Repubblika Taljana, il-Kummissjoni mhux biħsiebha tkompli ssegwi l-analiżi tagħha tan-natura sproporzjonata ta' l-applikazzjoni għat-totalità tas-sistemi ajruportwali ta' Milan u Ruma, filwaqt li tirriserva l-possibbiltà li terġa' lura fuq dan l-aspett fl-OSP ippreżentati fil-ġejjieni, jekk dan ikun f'loku.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

(72) Abbażi tat-tagħrif mogħti mir-Repubblika Taljana, il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda dubju dwar l-applikazzjoni ta' OSP fuq ir-rotot bejn Sardenja u l-Italja kontinentali li, f'dak li jirrigwarda l-frekwenzi u l-kapaċitajiet, kif ukoll it-tariffi, jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi żgurat għoti adegwat ta' servizzi fuq ir-rotot ikkonċernati.

(73) Madankollu, il-Kummissjoni jidhrilha li ċerti kundizzjonijiet imposti mid-Digrieti Nri 35 u 36 huma restrittivi aktar mid-dovut jew inkella sproporzjonati.

(74) Il-Kummissjoni tqis li l-OSP imposti skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament impliċitament ifissru li kull trasportatur li jkollu l-intenzjoni jaqdi l-OSP għandu jkun jista' jopera din ir-rotta, kien x'kien il-mument meta huwa biħsiebu jibda jagħti s-servizzi. Konsegwentement, l-użu ta' perjodu ta' żmien għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet biex jitbarrew operaturi li jressqu applikazzjoni lil hinn minn dan il-perjodu huwa restrittiv aktar mid-dovut u mhux kompatibbli mar-Regolament.

(75) Jekk jista' jidher leġittimu li tiġi prevista kontinwità tas-servizzi għal ċertu perjodu, il-Kummissjoni jidhrilha li r-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jwassal biex il-perjodu jkollu limiti raġonevoli, u li f'sistema ta' OSP skond l-Artikolu 4(1)(a), ma għandux jaqbeż sena.

(76) Il-Kummissjoni tqis li l-kompetenzi mogħtija lill-ENAC biex tikkoordina l-attivitajiet ta' l-operaturi bil-għan li tevita l-kapaċità żejda huma restrittivi aktar mid-dovut u mhumiex kompatibbli mar-Regolament.

[1] Il-punt 1.2 tal-Komunikazzjoni ta' l-24 ta' Marzu 2006.
[2] L-ittra tar-Repubblika Taljana tas-6 ta' Ottubru 2006, p. 78.
[3] L-ittra tar-Repubblika Taljana tal-15 ta' Novembru 2006, p. 3.

(77) Il-Kummissjoni tinnota li r-raggruppament tar-rotot Olbia-Ruma u Olbia-Milan minn naħa, u Alghero-Ruma u Alghero-Milan min-naħa l-oħra, huwa restrittiv aktar mid-dovut u mhuwiex kompatibbli mar-Regolament.

(78) Il-Kummissjoni tqis li l-applikazzjoni tat-tariffi mnaqqsa għall-persuni mwielda f'Sardenja imma li mhumiex residenti hemmhekk hija sproporzjonata u mhijiex kompatibbli mar-Regolament.

(79) Il-Kummissjoni tiddubita l-ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-OSP għat-totalità tas-sistemi ajruportwali ta' Ruma u Milan, li tqisha sproporzjonata fir-rigward tal-miri mfittxija, li huma l-iżgurar tal-mobbiltà lejn il-kontinent u l-koeżjoni territorjali. Madankollu, fid-dawl ta' l-impenn tar-Repubblika Taljana li temenda d-Digriet Nru 35 biex l-OSP ma japplikawx għall-ajruporti ta' Bergamo, Malpensa u Ciampino, il-Kummissjoni mhux biħsiebha tkompli ssegwi l-analiżi tagħha, filwaqt li tirriserva l-possibbiltà li terġa' lura fuq dan l-aspett fl-OSP ippreżentati fil-ġejjieni, jekk dan ikun f'loku.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ir-Repubblika Taljana tista' tkompli tapplika l-Obbligi ta' Servizz Pubbliku ("OSP") imposti bid-Digrieti tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura u t-Trasport Nri 35 u 36 tad-29 ta' Diċembru 2005 (ippubblikati fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* fil-11 ta' Jannar 2006) fuq total ta' 16-il rotta li jgħaqqdu t-tliet ajruporti ta' Sardenja ma' diversi ajruporti nazzjonali ta' l-Italja kontinentali, u ppubblikati rispettivament fl-24 ta' Marzu 2006 (id-Digriet Nru 35) u l-21 ta' April 2006 (id-Digriet Nru 36) fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tal-Kunsill dwar l-aċċess tat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji, bir-riserva li tirrispetta l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Kull trasportatur bl-ajru li jkollu l-intenzjoni li jaqdi l-OSP għandu jkun jista' jopera fuq ir-rotta kkonċernata, kien x'kien il-waqt meta jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jibda jagħti s-servizzi tiegħu, sew jekk din in-notifika sseħħ waqt jew wara l-perjodu ta' 30 jum stabbilit bid-Digrieti.

(b) Fuq it-trasportaturi bl-ajru ma għandux jiġi impost perjodu tal-kontinwità tas-servizzi fil-qafas ta' l-OSP li jkun itwal minn sena.

(c) L-awtoritajiet Taljani jeħtiġilhom jivvalutaw mill-ġdid il-ħtieġa li jżommu l-impożizzjoni ta' l-OSP fuq rotta, kif ukoll il-livell ta' l-obbligi imposti fuq kull trasportatur, hekk kif trasportatur ġdid jibda jopera, jew inkella jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel hekk, fuq din ir-rotta, u f'kull każ, darba fis-sena.

(d) L-awtoritajiet Taljani ma għandhomx iżommu trasportaturi bl-ajru milli jagħtu s-servizzi tagħhom fuq ir-rotot ikkonċernati b'rekwiżiti lil hinn minn dawk minimi dwar il-frekwenza u l-kapaċitajiet ipprovduti bl-OSP.

(e) It-trasportaturi bl-ajru ma għandhomx ikollhom l-obbligu joffru tariffi preferenzjali lill-persuni mwielda f'Sardenja imma li mhumiex residenti hemmhekk.

(f) L-awtoritajiet Taljani ma jistgħux jagħmlu d-dritt li tagħti s-servizzi fuq rotta bejn żewġt ibliet kondizzjonali fuq l-obbligu li topera fuq rotta oħra bejn żewġt ibliet.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2007, ir-Repubblika Taljana għandha tinnotifika lill-Kummissjoni l-miżuri meħuda biex timplimenta din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques BARROT

*Viċi President tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-8 ta' Mejju 2007

## li tippermetti l-Istati Membri li jestendu awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għas-sustanzi attivi ġodda benalaxyl-M, fluoxastrobin, prothioconazole, spirodiclofen, spiromesifen u sulfuryl fluoride

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1929)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/333/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment ir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, fi Frar ta' l-2002 il-Portugall irċieva applikazzjoni mingħand Isagro, għall-inklużjoni tas-sustanza attiva benalaxyl-M fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/35/KE [2] kkonfermat li l-inkartament kien komplut u li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif fl-Anness II u l-Anness III għal din id-Direttiva.

(2) F'Marzu 2002, ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni minn Bayer CropScience li għandha x'taqsam mal-fluoxastrobin. Id-Deċiżjoni 2003/35/KE kkonfermat li l-inkartament kien komplut u li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif fl-Anness II u l-Anness III għal din id-Direttiva.

(3) F'Marzu 2002 ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni minn Bayer CropScience li għandha x'taqsam mal-prothioconazole. Id-Deċiżjoni 2003/35/KE kkonfermat li l-inkartament kien komplut u li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif fl-Anness II u l-Anness III għal din id-Direttiva.

(4) F'Awwissu ta' l-2001 l-Olanda rċeviet applikazzjoni minn Bayer AG li tikkonċerna spirodiclofen. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/593/KE [3] kkonfermat li l-inkartament kien komplut u li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif fl-Anness II u l-Anness III għal din id-Direttiva.

(5) F'April 2002 ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni minn Bayer li għandha x'taqsam ma' spiromesifen. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/105/KE [4] kkonfermat li l-inkartament kien komplut u li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif fl-Anness II u l-Anness III għal din id-Direttiva.

(6) F'Lulju 2002 ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni minn Dow AgroSciences Ltd. li għandha x'taqsam mas-sulfuryl fluoride. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/305/KE [5] kkonfermat li l-inkartament kien komplut u li jista' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tad-*data* u t-tagħrif fl-Anness II u l-Anness III għal din id-Direttiva.

(7) Kien hemm il-ħtieġa ta' konferma tal-kompletezza tal-inkartamenti sabiex setgħu jiġu eżaminati fid-dettall u sabiex l-Istati Membri seta' jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji, għall-perjodi sa tliet snin, għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi kkonċernati, filwaqt li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/414/KEE u, b'mod partikolari, il-kondizzjoni dwar il-verifika dettaljata tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-ħarsien tal-pjanti fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati minn din id-Direttiva.

(8) L-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ta' dawn is-sustanzi attivi ġew verifikati, skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użi proposti mill-applikant. L-Istati Membri li jirrappurtaw ippreżentaw l-abbozz tar-rapporti ta' verifika lill-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2003 (benalaxyl-M), fl-14 ta' Ottubru 2003 (fluoxastrobin), fl-20 ta' Ottubru 2004 (prothioconazole), fit-18 ta' Mejju 2004 (spirodiclofen), fis-16 ta' April 2004 (spiromesifen) u fid-9 ta' Novembru 2004 (sulfuryl fluoride), rispettivament.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/25/KE (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 34).
[2] ĠU L 11, 16.1.2003, p. 52.
[3] ĠU L 192, 20.7.2002, p. 60.
[4] ĠU L 43, 18.2.2003, p. 45.
[5] ĠU L 112, 6.5.2003, p. 10.

(9) Wara li tressaq l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni mill-Istati Membri li jirrappurtaw, instab li kien hemm il-ħtieġa li jintalab tagħrif ulterjuri mill-applikanti u li l-Istati Membri li jirrappurtaw jeżaminaw dan it-tagħrif u jressqu l-valutazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-eżaminazzjoni tal-inkartamenti għadha għaddejja u mhux se jkun possibbli li l-valutazzjoni tintemm fis-sħiħ fil-qafas ta' żmien stipulat fid-Drettiva 91/414/KEE.

(10) Minħabba li l-valutazzjoni s'issa ma identifikat l-ebda dubju immedjat, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jiġġeddu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għall-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi kkonċernati għal perijodu ta' 24 xahar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/414/KEE sabiex tkun tista' titkompla l-eżaminazzjoni tal-inkartamenti. Mistenni li l-proċess tal-valutazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' deċiżjoni dwar il-possibbilità ta' l-inklużjoni ta' benalaxyl-M, fluoxastrobin, prothioconazole, spirodiclofen, spiromesifen u sulfuryl fluoride fl-Anness I ser jitlesta fi żmien 24 xahar.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom benalaxyl-M, fluoxastrobin, prothioconazole, spirodiclofen, spiromesifen jew sulfuryl fluoride għal perijodu li ma jaqbiżx l-24 xahar mid-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/334/PESK

**ta' l-14 ta' Mejju 2007**

**li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u f'oqsma oħra possibbli fil-Kosovo**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' April 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK ([1]) li tistabbilixxi Grupp ta' Pjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar tal-kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u f'oqsma oħra possibbli fil-Kosovo.

(2) Fil-11 ta' Diċembru 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/918/PESK li temenda u testendi sal-31 ta' Mejju 2007 l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK.

(3) Fis-27 ta' Marzu 2007, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-EUPT Kosovo għandu jiġi estiż għal perijodu ulterjuri sa l-1 ta' Settembru 2007 in prinċipju, b'din id-data soġġetta għall-ħidma kontinwa fin-Nazzjonijiet Uniti.

(4) Bil-ħsieb ta' l-iżgurar ta' transizzjoni bla xkiel bejn il-Missjoni Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK) u l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo fil-jum tat-trasferiment tal-kompiti magħżulin mill-UNMIK għall-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi wara l-adozzjoni ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-EUPT Kosovo għandu jintuża bħala mezz għall-bini ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo matul il-perijodu ta' transizzjoni. F'dan il-kuntest, koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Kap ta' l-EUPT Kosovo u l-Kap ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar tal-kriżi fil-Kosovo għandha tiġi żgurata matul dak il-perijodu.

(5) L-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK għandha tiġi estiża u emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK hi emendata kif ġej.

(1) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Is-SĠ/RGħ għandu jiggwida lill-Kap ta' l-EUPT Kosovo. Wara l-istabbiliment ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo u qabel it-tnedija tagħha tal-fażi operattiva tal-missjoni, l-SĠ/RGħ għandu jiggwida lill-Kap ta' l-EUPT Kosovo permezz tal-Kap ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo ladarba dan ta' l-aħħar ikun ġie maħtur.";

(b) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Kap ta' l-EUPT Kosovo għandu jmexxi l-EUPT Kosovo u jieħu f'idejh l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha. Wara l-istabbiliment ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo u qabel it-tnedija tagħha tal-fażi operattiva, l-SĠ/RGħ għandu jiggwida lill-Kap ta' l-EUPT Kosovo permezz tal-Kap ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo ladarba dan ta' l-aħħar ikun ġie maħtur.";

([1]) ĠU L 112, 26.4.2006, p. 19. Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2006/918/PESK (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 57).

(c) Il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Kap ta' l-EUPT Kosovo għandu jirrapporta lis-SĠ/RGħ. Wara l-istabbiliment ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo u qabel it-tnedija tagħha tal-fażi operattiva, il-Kap ta' l-EUPT Kosovo għandu jirrapporta lill-SĠ/RGħ permezz tal-Kap ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo ladarba dan ta' l-aħħar ikun ġie maħtur.";

(d) Għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

"6. Ladarba l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jkun laħaq ftehim in prinċipju dwar il-ħatra tal-Kap ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi, kollegament u koordinazzjoni xierqa għandhom jiġu żgurati mill-Kap tal-EUPT Kosovo."

(2) L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

**Parteċipazzjoni ta' Stati terzi**

Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjoni ta' l-UE u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, l-Istati terzi jistgħu jiġu mistiedna biex jikkontribwixxu għall-EUPT Kosovo, ladarba l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo tiġi stabbilita, dment li jħallsu l-ispejjeż tal-persunal sekondat minnhom, inklużi is-salarji, il-koperturi mediċi, l-*allowances*, l-assigurazzjoni għar-Riskju Għoli, u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar lejn u miż-żona tal-missjoni, u jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' kuljum ta' l-EUPT Kosovo, kif xieraq.

Il-Kunsill hawnhekk jawtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti.".

(3) L-Artikolu 14 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Reviżjoni**

Sal-15 ta' Lulju 2007 l-Kunsill għandu jevalwa jekk l-EUPT Kosovo għandhiex tkompli wara l-1 ta' Settembru 2007, b'kont meħud tal-ħtieġa ta' transizzjoni bla xkiel għal operazzjoni possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo."

(4) L-Artikolu 15(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Għandu jiskadi fl-1 ta' Settembru 2007."

*Artikolu 2*

L-ammont finanzjarju ta' referenza kif imniżżel fl-Artikolu 1.4 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/918/PESK għandu jiżdied b'EUR 43 955 000 sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat ta' l-EUPT Kosovo għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju sa l-1 ta' Settembru 2007.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F.-W. STEINMEIER

## CORRIGENDUM

**Corrigendum għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/319/KE tat-8 ta' Settembru 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat C.45/04 (ex NN 62/04) favur il-produttur ta' l-azzar Ċek Třinecké železárny a.s.**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 119 tad-9 ta' Mejju 2007)*

Fil-Werrej, fit-titolu fil-paġna 37, u fil-firma fil-paġna 44:

*Minflok:* "8 ta' Settembru 2006";

*Jiddaħħal:* "8 ta' Novembru 2006".